European Parliament
2024-2029

TEXTS ADOPTED

P10_TA(2025)0295

Ir-Regolament dwar id-Deforestazzjoni: ċerti obbligi tal-operaturi u tan-negozjanti

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-26 ta' Novembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1115 fir-rigward ta’ ċ erti obbligi tal-operaturi u tan-negozjanti (COM(2025)0652 – C10-0263/2025 – 2025/0329(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu.

Emendi 39, 66 u 102

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Operaturi downstream u negozjanti mhux SMEs għandhom influwenza sinifikanti fuq il-ktajjen tal-provvista u jaqdu rwol importanti biex jiżguraw li l-ktajjen tal-provvista ma jikkontribwux għad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li xorta waħda jkunu meħtieġa jirreġistraw fis-sistema ta' informazzjoni. Fl-istess ħin, ***l-operaturi*** downstream jew ***in-negozjanti kollha***, kemm jekk huma SMEs kif ukoll jekk le, jenħtieġ li jkomplu jiżguraw traċċabbiltà sħiħa billi jiġbru ***u jgħaddu*** n-numri ta' referenza tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta u l-identifikaturi tad-dikjarazzjonijiet assenjati lill-produtturi mikro u żgħar.	(6) Operaturi downstream u negozjanti mhux SMEs għandhom influwenza sinifikanti fuq il-ktajjen tal-provvista u jaqdu rwol importanti biex jiżguraw li l-ktajjen tal-provvista ma jikkontribwux għad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li xorta waħda jkunu meħtieġa jirreġistraw fis-sistema ta' informazzjoni. Fl-istess ħin, ***l-ewwel operaturi jew negozjanti*** downstream, kemm jekk huma SMEs kif ukoll jekk le, jenħtieġ li jkomplu jiżguraw traċċabbiltà sħiħa billi jiġbru n-numri ta' referenza tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta u l-identifikaturi tad-dikjarazzjonijiet assenjati lill-produtturi mikro u żgħar. ***Dan l-obbligu li jinġabru u jinżammu n-numri ta' referenza jenħtieġ li japplika biss għall-ewwel operatur downstream u jenħtieġ li ma japplikax għall-operaturi downstream l-oħrajn kollha aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista.***

Emendi 40, 67 u 103

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-operaturi kollha, irrispettivament mid-daqs tagħhom, li jqiegħdu l-prodotti rilevanti fis-suq jew li jesportawhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament	(7) L-operaturi kollha, irrispettivament mid-daqs tagħhom, li jqiegħdu l-prodotti rilevanti fis-suq jew li jesportawhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament

(UE) 2023/1115. Dan ipoġġi piż amministrattiv fuq il-produtturi mikro u żgħar li jqiegħdu fis-suq jew jesportaw il-prodotti tagħhom stess. Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib relatat mal-operaturi mikro u żgħar li jipproduċu u jqiegħdu fis-suq il-prodotti tagħhom stess u biex tkompli titnaqqas it-tagħbija tas-sistema ta' informazzjoni, huwa meħtieġ li tiġi introdotta subkategorija ġdida ta' operaturi li għalihom jenħtieġ li ma japplikax l-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta. Din is-subkategorija ġdida, imsejħa "operaturi primarji mikro u żgħar", jenħtieġ li tkopri l-persuni fiżiċi jew l-intrapriżi mikro jew ta' daqs żgħir stabbiliti f'pajjiż ikklassifikat bħala ta' riskju baxx f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament li jqiegħdu fis-suq jew jesportaw prodotti rilevanti li huma stess jipproduċu, jiġifieri li jkabbru, li jaħsdu, jew li jrabbu l-komoditajiet rilevanti li jinsabu fil-prodotti rilevanti huma stess jew li jiksbuhom minnhom. Kemm l-operaturi stabbiliti fl-Unjoni kif ukoll dawk stabbiliti barra minnha jenħtieġ li jkunu koperti mid-definizzjoni ta' operatur primarju mikro u żgħir.

(UE) 2023/1115. Dan ipoġġi piż amministrattiv fuq il-produtturi mikro u żgħar li jqiegħdu fis-suq jew jesportaw il-prodotti tagħhom stess. Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib relatat mal-operaturi mikro u żgħar li jipproduċu u jqiegħdu fis-suq il-prodotti tagħhom stess u biex tkompli titnaqqas it-tagħbija tas-sistema ta' informazzjoni, huwa meħtieġ li tiġi introdotta subkategorija ġdida ta' operaturi li għalihom jenħtieġ li ma japplikax l-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta. Din is-subkategorija ġdida, imsejħa "operaturi primarji mikro u żgħar", jenħtieġ li tkopri l-persuni fiżiċi jew l-intrapriżi mikro jew ta' daqs żgħir stabbiliti f'pajjiż ikklassifikat bħala ta' riskju baxx f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament li jqiegħdu fis-suq jew jesportaw prodotti rilevanti li huma stess jipproduċu ***f'dak il-pajjiż***, jiġifieri li jkabbru, li jaħsdu, jew li jrabbu l-komoditajiet rilevanti li jinsabu fil-prodotti rilevanti huma stess jew li jiksbuhom minnhom. Kemm l-operaturi stabbiliti fl-Unjoni kif ukoll dawk stabbiliti barra minnha jenħtieġ li jkunu koperti mid-definizzjoni ta' operatur primarju mikro u żgħir.

Emendi 41 u 68

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Barra minn hekk, bħala parti mill-isforzi ta' simplifikazzjoni, il-piż amministrattiv li jirriżulta mill-obbligi fuq l-operaturi

	primarji mikro u żgħar li jissottomettu dikjarazzjoni simplifikata ta' darba skont l-Artikolu 4a li jiġbru informazzjoni skont l-Artikolu 9(1) jenħtieġ li jitnaqqas billi jitħallew jissostitwixxu l-ġeolokalizzazzjoni tal-irqajja' ta' art bl-indirizz postali tal-irqajja' ta' art jew tal-istabbiliment minn fejn ġew prodotti l-komoditajiet rilevanti li l-prodott rilevanti fih, jew sar bl-użu tagħhom, dment li l-indirizz postali jikkorrispondi b'mod ċar għall-post ġeografiku tal-irqajja' ta' art jew tal-istabbiliment ikkonċernati. Dan jagħti lill-operaturi primarji mikro u żgħar l-għażla libera li jipprovdu jew il-ġeolokalizzazzjoni tal-irqajja' ta' art jew l-indirizz postali tal-irqajja' ta' art jew tal-istabbiliment rispettiv.

Emenda 105

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex tiġi pprovduta ċarezza legali li l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju kollha, irrispettivament mill-forma legali tagħhom, jistgħu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet simplifikati għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fir-Regolament (UE) 2023/1115, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju tiġi emendata biex jiġi ċċarat li jenħtieġ li l-forma legali ma tkunx rilevanti għal jekk persuna fiżika jew ġuridika tissodisfax id-	(11) Sabiex tiġi pprovduta ċarezza legali li l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju kollha, irrispettivament mill-forma legali tagħhom, jistgħu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet simplifikati għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fir-Regolament (UE) 2023/1115, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju tiġi emendata biex jiġi ċċarat li jenħtieġ li l-forma legali ma tkunx rilevanti għal jekk persuna fiżika jew ġuridika tissodisfax id-

definizzjoni. L-istess jenħtieġ li jiġi ċċarat għall-operaturi primarji mikro u żgħar.	definizzjoni. L-istess jenħtieġ li jiġi ċċarat għall-operaturi primarji mikro u żgħar. ***Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' operaturi primarji mikro u żgħar jenħtieġ li tinkludi operaturi li jaqbżu l-limiti ta' mill-anqas tnejn mit-tliet kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u (2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2013/34/UE iżda li jistgħu juru li l-partijiet tat-total tal-karta bilanċjali tagħhom, il-fatturat nett u l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja li huma relatati mal-attivitajiet tagħhom koperti minn dan ir-Regolament ma jaqbżux il-limiti ta' mill-anqas tnejn minn tlieta minn dawk il-kriterji.***

Emenda 106

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Qabel ir-reviżjoni ġenerali tar-Regolament (UE) 2023/1115 li għandha titwettaq sat-30 ta' Ġunju 2030, fl-interess tas-simplifikazzjoni għall-operaturi u n-negozjanti, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni tas-simplifikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1115 u għandha tippreżenta rapport sat-30 ta' April 2026. Ir-rapport jenħtieġ li jevalwa l-piż amministrattiv u l-impatt tar-Regolament, b'mod partikolari fuq l-operaturi mikro u żgħar. Barra minn hekk, fir-rapport, il-

	Kummissjoni jenħtieġ li tindika modi possibbli biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati permezz ta' linji gwida tekniċi, titjib fis-sistema tal-IT, atti delegati jew ta' implimentazzjoni f'konformità mas-setgħat delegati previsti fir-Regolament u, fejn xieraq, takkumpanja r-rapport bi proposta leġiżlattiva.

Emenda 107

Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Id-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2023/1115 li jistabbilixxu l-obbligi fuq l-operaturi, in-negozjanti u l-awtoritajiet kompetenti, elenkati fl-Artikolu 38(2) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi posposta bi 12-il xahar. Dan huwa meħtieġ biex il-pajjiżi terzi, l-Istati Membri, l-operaturi u n-negozjanti jkunu mħejjija bis-sħiħ, inkluż, biex ikun possibbli għal dawk l-operaturi li jistabbilixxu s-sistemi ta' diliġenza dovuta meħtieġa li jkopru l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti kollha, sabiex ikunu f'pożizzjoni li jikkonformaw bis-sħiħ mal-obbligi tagħhom.

Emenda 108

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex l-operaturi li huma intrapriżi mikro jew żgħar skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) jew (2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2013/34/UE jingħataw żmien adegwat għall-implimentazzjoni tal-emendi proposti, id-dati korrispondenti tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2023/1115 li jistabbilixxu l-obbligi għall-operaturi, għan-negozjanti u għall-awtoritajiet kompetenti, elenkati fl-Artikolu 38(2) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti għat-30 ta' Diċembru 2026 għall-operaturi mikro u żgħar.	***imħassar***

Emendi 72 u 110

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15)Meta awtorità kompetenti ssir taf jew tiġi mgħarrfa b'nuqqas ta' konformità mar-Regolament (UE) 2023/1115 qabel id-dħul fis-seħħ tal-Artikoli 16 sa 19, tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 24, tista' toħroġ twissijiet lill-operaturi, lill-operaturi downstream u lin-negozjanti, akkumpanjati minn rakkomandazzjonijiet biex tinkiseb il-konformità.	***imħassar***

Emenda 111

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Fid-dawl tal-posponiment ***tad-data li minnha l-operaturi mikro u żgħar huma meħtieġa jikkonformaw mar-Regolament*** (UE) 2023/1115, id-dati f'dispożizzjonijiet relatati oħra, jiġifieri t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-dispożizzjonijiet ***tranżizzjonali u d-dispożizzjonijiet*** dwar l-applikazzjoni differita tar-Regolament (UE) 2023/1115 għall-intrapriżi mikro jew żgħar, jenħtieġ li jiġu aġġustati kif xieraq. Sabiex jingħata biżżejjed żmien biex jiġu allinjati l-iżviluppi tekniċi tal-interfaċċa elettronika abbażi tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana, id-data sa meta l-interfaċċa elettronika tkun fis-seħħ jenħtieġ li tiġi aġġustata kif xieraq.	(16) Fid-dawl tal-posponiment ***bi 12-il xahar mid-data tal-applikazzjoni stabbilita fl-Artikolu 38(2) tar-Regolament*** (UE) 2023/1115, id-dati f'dispożizzjonijiet relatati oħra, jiġifieri t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni differita tar-Regolament (UE) 2023/1115 ***għall-persuni fiżiċi***, għall-intrapriżi mikro jew żgħar, jenħtieġ li jiġu aġġustati kif xieraq. Sabiex jingħata biżżejjed żmien biex jiġu allinjati l-iżviluppi tekniċi tal-interfaċċa elettronika abbażi tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana, id-data sa meta l-interfaċċa elettronika tkun fis-seħħ jenħtieġ li tiġi aġġustata kif xieraq.

Emenda 112

Proposta għal regolament
Premessa 20 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20)Fid-dawl tal-urġenza li jiġu adottati simplifikazzjonijiet immirati kif ukoll li jiġi pospost id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2023/1115, jitqies li huwa xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1

	dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 1 – sottopunt b
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 2 – punt 15a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15a) ‘operatur primarju mikro u żgħir’ tfisser operatur li huwa persuna fiżika jew intrapriża mikro jew ta’ daqs żgħir, kif definit fl-Artikolu 3(1) u (2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, irrispettivament mill-forma legali tagħha, stabbilita f’pajjiż ikklassifikat bħala ta’ riskju baxx f’konformità mal-Artikolu 29 ta’ dan ir-Regolament, u li, matul attività kummerċjali, iqiegħed fis-suq jew jesporta prodotti rilevanti li dan l-operatur innifsu jkun kabbar, ħasad, kiseb jew rabba f’irqajja’ ta’ art rilevanti, jew, fir-rigward tal-bhejjem tal-ifrat, fi stabbilimenti;	(15a) **“**operatur primarju mikro u żgħir**”** tfisser operatur li huwa persuna fiżika jew intrapriża mikro jew ta’ daqs żgħir, kif definit fl-Artikolu 3(1) u (2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, irrispettivament mill-forma legali tagħha, stabbilita f’pajjiż ikklassifikat bħala ta’ riskju baxx f’konformità mal-Artikolu 29 ta’ dan ir-Regolament, u li, matul attività kummerċjali, iqiegħed fis-suq jew jesporta prodotti rilevanti li dan l-operatur innifsu jkun kabbar, ħasad, kiseb jew rabba f’irqajja’ ta’ art rilevanti, jew, fir-rigward tal-bhejjem tal-ifrat, fi stabbilimenti***, li jinsabu f’dak il-pajjiż***; ***dan jinkludi operaturi li jaqbżu l-limiti ta’ mill-anqas tnejn mit-tliet kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u (2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2013/34/UE iżda li jistgħu juru li l-partijiet tat-total tal-karta bilanċjali tagħhom, il-fatturat nett u l-għadd medju ta’ impjegati matul is-sena***

	finanzjarja li huma relatati mal-attivitajiet tagħhom koperti minn dan ir-Regolament ma jaqbżux il-limiti ta' mill-anqas tnejn minn tlieta minn dawk il-kriterji;

Emendi 74 u 114

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 4a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(2), ***(3) u (4)***, il-punt (c), ma għandhomx japplikaw għall-operaturi primarji mikro u żgħar.	1. L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(2), ***it-tieni sentenza tal-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 4(4))***, il-punt (c), ma għandhomx japplikaw għall-operaturi primarji mikro u żgħar.

Emendi 75 u 115
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 4a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi primarji mikro u żgħar għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni simplifikata ta' darba fis-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33 qabel ma jqiegħdu fis-suq jew jesportaw il-prodotti rilevanti. Huma għandhom jiġu assenjati identifikatur tad-dikjarazzjoni wara li jippreżentaw id-dikjarazzjoni simplifikata tagħhom.	2. L-operaturi primarji mikro u żgħar għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni simplifikata ta' darba fis-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33 qabel ma jqiegħdu fis-suq jew jesportaw il-prodotti rilevanti. Huma għandhom jiġu assenjati identifikatur tad-dikjarazzjoni wara li jippreżentaw id-dikjarazzjoni simplifikata ***ta' darba*** tagħhom.

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 4a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi primarji mikro u żgħar għandhom jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness III meta jippreżentaw id-dikjarazzjoni simplifikata fis-sistema ta' informazzjoni. Huma ***għandhom*** jaġġornaw l-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni simplifikata tagħhom wara kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li pprovdew.	3. L-operaturi primarji mikro u żgħar għandhom jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness III meta jippreżentaw id-dikjarazzjoni simplifikata fis-sistema ta' informazzjoni. Huma ***jistgħu*** jaġġornaw l-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni simplifikata tagħhom wara kwalunkwe bidla ***kbira*** fl-informazzjoni li pprovdew.

Emendi 77 u 117

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 4a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-informazzjoni kollha elenkata fl-Anness III tkun disponibbli f'sistema jew f'bażi tad-data li teżisti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, għajr is-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33, l-operaturi primarji mikro u żgħar ma għandhomx ikunu meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni simplifikata f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom jagħmlu din l-informazzjoni għal kull operatur disponibbli fis-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33. L-operatur primarju mikro jew żgħir għandu jqiegħed	4. Meta l-informazzjoni kollha elenkata fl-Anness III tkun disponibbli f'sistema jew f'bażi tad-data li teżisti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, għajr is-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33, l-operaturi primarji mikro u żgħar ma għandhomx ikunu meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni simplifikata ***ta' darba*** f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom jagħmlu din l-informazzjoni għal kull operatur disponibbli fis-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33. L-operatur primarju mikro jew żgħir għandu jqiegħed

il-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportahom biss wara li jkun ġie assenjat identifikatur tad-dikjarazzjoni.	il-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportahom biss wara li jkun ġie assenjat identifikatur tad-dikjarazzjoni.

Emendi 78 u 118

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 4a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-operaturi primarji mikro u żgħar, il-ġeolokalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1), il-punt (d), tista' tiġi sostitwita bl-indirizz postali tal-irqajja' tal-art kollha fejn ikunu ġew prodotti l-komoditajiet rilevanti li jkun fih il-prodott rilevanti, jew li jkun sar ***bl-użu tagħhom***.”;	5. Għall-operaturi primarji mikro u żgħar, il-ġeolokalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1), il-punt (d), tista' tiġi sostitwita bl-indirizz postali tal-irqajja' tal-art kollha ***jew bl-indirizz postali tal-istabbiliment minn*** fejn ikunu ġew prodotti l-komoditajiet rilevanti li jkun fih il-prodott rilevanti, jew li jkun sar ***bihom***.”;

Emendi 79 u 119

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi downstream u n-negozjanti għandhom iqiegħdu prodotti rilevanti fis-suq biss jekk ikollhom l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 3.	1. L-operaturi downstream u n-negozjanti għandhom ***jintroduċu jew*** iqiegħdu prodotti rilevanti fis-suq ***jew jesportawhom*** biss jekk ikollhom l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 3;

Emendi 50, 80 u 120

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, l-indirizz tal-posta elettronika u, jekk ikun disponibbli, indirizz web tal-operaturi, tal-operaturi downstream jew tan-negozjanti li jkunu pprovdew il-prodotti rilevanti lilhom, kif ukoll in-numri ta' referenza tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta jew l-identifikaturi tad-dikjarazzjonijiet assoċjati ma' dawk il-prodotti;	(a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, l-indirizz tal-posta elettronika u, jekk ikun disponibbli, indirizz web tal-operaturi, tal-operaturi downstream jew tan-negozjanti li jkunu pprovdew il-prodotti rilevanti lilhom, kif ukoll in-numri ta' referenza tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta jew l-identifikaturi tad-dikjarazzjonijiet assoċjati ma' dawk il-prodotti ***biss f'każijiet fejn il-fornitur tagħhom ikun operatur***;

Emendi 34, 49, 81 u 121

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-operaturi downstream u n-negozjanti għandhom jikkomunikaw lill-operaturi downstream u lin-negozjanti li lilhom ikunu pprovdew prodotti rilevanti n-numri ta' referenza tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta jew l-identifikaturi tad-dikjarazzjonijiet assoċjati ma' dawk il-prodotti rilevanti.	***imħassar***

Emendi 82 u 122

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 16 – punt a
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 26 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. In-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta jew l-identifikatur tad-dikjarazzjoni għall-operaturi primarji mikro u żgħar għandu jkun magħmul disponibbli għall-awtoritajiet doganali qabel ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni ta' prodott rilevanti li jidħol jew joħroġ mis-suq. Għal dak il-fini, minbarra meta d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta tiġi magħmula disponibbli permezz tal-interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 28(2), il-persuna li tippreżenta ***dikjarazzjoni*** doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' prodott rilevanti għandha tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali n-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta jew l-identifikatur tad-dikjarazzjoni għall-operaturi primarji mikro u żgħar assoċjati ma' dak il-prodott rilevanti	4. In-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta jew l-identifikatur tad-dikjarazzjoni għall-operaturi primarji mikro u żgħar għandu jkun magħmul disponibbli għall-awtoritajiet doganali qabel ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni ta' prodott rilevanti li jidħol jew joħroġ mis-suq. Għal dak il-fini, minbarra meta d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta tiġi magħmula disponibbli permezz tal-interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 28(2), il-persuna li tippreżenta ***d-dikjarazzjoni*** doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' prodott rilevanti għandha tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali n-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta jew l-identifikatur tad-dikjarazzjoni għall-operaturi primarji mikro u żgħar assoċjati ma' dak il-prodott rilevanti ***Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-esportazzjoni ta' prodott rilevanti minn operatur downstream.***

Emendi 62 u 123

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 34 – paragrafu 1a (ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Sat-30 ta’ April 2026, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta’ simplifikazzjoni ta’ dan ir-Regolament u abbażi ta’ dan, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjat, meta dan ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 34 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp permanenti tal-partijiet ikkonċernati u għandha tiżgura skambju kontinwu ma’ esperti, partijiet ikkonċernati u operaturi biex tiżviluppa l-aħjar prattiki u tiġbor feedback tekniku wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Emendi 55 u 124

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 22
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jitħassar b’effett mit-30 ta’ Diċembru ***2025***.	1. Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jitħassar b’effett mit-30 ta’ Diċembru ***2026***.

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 22
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 għandu jkompli japplika:	***imħassar***
(a) sat-30 ta' Diċembru 2026 għall-injam u għall-prodotti tal-injam kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 introdotti fis-suq minn operaturi primarji mikro u żgħar jew minn operaturi li sal-31 ta' Diċembru 2024 ġew stabbiliti bħala mikrointrapriżi jew intrapriżi żgħar, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) jew (2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2013/34/UE, irrispettivament mill-forma legali tagħhom;	
(b) sal-31 ta' Diċembru 2028 għall-injam u għall-prodotti tal-injam kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 li ġew prodotti qabel id-29 ta' Ġunju 2023 u introdotti fis-suq mit-30 ta' Diċembru 2026 minn operaturi primarji mikro u żgħar jew minn operaturi li sal-31 ta' Diċembru 2024 ġew stabbiliti bħala mikrointrapriżi jew intrapriżi żgħar skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) jew (2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2013/34/UE, irrispettivament mill-forma legali tagħhom;	
(c) sal-31 ta' Diċembru 2028	

għall-injam u għall-prodotti tal-injam kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 li ġew prodotti qabel id-29 ta' Ġunju 2023 u li ġew introdotti fis-suq mit-30 ta' Diċembru 2025.

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 22
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 37 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Madankollu, ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 għandu jibqa' japplika sal-31 ta' Diċembru 2029 għall-injam u l-prodotti tal-injam kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 li ġew prodotti qabel id-29 ta' Ġunju 2023 u li ġew introdotti fis-suq mit-30 ta' Diċembru 2026.

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 22
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 37 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B'deroga mill-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-injam u l-prodotti tal-injam kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 li ġew prodotti qabel id-29 ta' Ġunju 2023 u li ġew introdotti fis-suq mill-31 ta' Diċembru ***2028*** għandhom jikkonformaw mal-	3. B'deroga mill-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, l-injam u l-prodotti tal-injam kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 li ġew prodotti qabel id-29 ta' Ġunju 2023 u li ġew introdotti fis-suq mill-31 ta' Diċembru ***2029*** għandhom jikkonformaw mal-

Artikolu 3 ta’ dan ir-Regolament.”;	Artikolu 3 ta’ dan ir-Regolament.”;

Emendi 63 u 128

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 23
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Artikoli 3 sa 13, l-Artikoli ***20, 21, 23,*** 26, 31 u 32 għandhom japplikaw mit-30 ta’ Diċembru ***2025***.	2. ***Soġġett għall-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu,*** l-Artikoli 3 sa 13, ***l-Artikoli 16 sa 24*** u l-Artikoli 26, 31 u 32 għandhom japplikaw mit-30 ta’ Diċembru ***2026***.

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 23
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 38 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe diffikultà, żball jew tfixkil dokumentati li jirriżultaw mis-sistemi ta’ informazzjoni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 33, biex jiżguraw li l-operaturi u n-negozjanti soġġetti għall-perjodu ta’ grazzja ma jkunux żvantaġġati minn tali kwistjonijiet.

Emendi 64 u 129

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 23
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-operaturi ***li sal-31 ta' Diċembru 2024 ġew stabbiliti bħala*** mikrointrapriżi jew intrapriżi żgħar ***skont it-tifsira tal-Artikolu*** 3(1) jew (2), ***l-ewwel subparagrafu,*** tad-Direttiva 2013/34/UE, ***irrispettivament mill-forma legali tagħhom,*** l-Artikoli msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mit-***30 ta' Diċembru 2026***.	3. ***Ħlief fir-rigward tal-prodotti koperti fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 995/2010,*** għall-operaturi***, kemm jekk persuni fiżiċi jew*** mikrointrapriżi jew intrapriżi żgħar ***kif definit fl-Artikolu*** 3(1) jew (2) tad-Direttiva 2013/34/UE, ***li ġew stabbiliti hekk sal-31 ta' Diċembru 2024***, l-Artikoli msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mit-***30 ta' Ġunju 2027.***

Emendi 27, 89 u 130

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 23
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 38 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-operaturi primarji mikro u żgħar, l-Artikoli msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mit-30 ta' Diċembru 2026.	***imħassar***

Emendi 28, 90 u 131

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 23
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 38 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Artikoli 16 sa 19, l-Artikoli 22 u l-Artikolu 24 għandhom japplikaw mit-30 ta' Ġunju 2026 fir-rigward ta' miżuri li jikkonċernaw l-operaturi, l-operaturi	***imħassar***

downstream u n-negozjanti, u mit-30 ta' Diċembru 2026 għall-operaturi msemmija fil-paragrafi 3 u 4. Meta awtorità kompetenti ssir taf jew tiġi mgħarrfa b'nuqqas ta' konformità mar-Regolament (UE) 2023/1115 qabel id-dħul fis-seħħ tal-Artikoli 16 sa 19, tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 24, tista' toħroġ twissijiet lill-operaturi, lill-operaturi downstream u lin-negozjanti, akkumpanjati minn rakkomandazzjonijiet biex tinkiseb il-konformità."

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 23
Regolament (UE) 2023/1115
Artikolu 38 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-informazzjoni rilevanti, inklużi l-ilmenti, ir-rapporti, u t-tħassib sostanzjat, u għandhom, għall-perjodu li jippreċedi d-dati msemmija fl-Artikolu 38 iqisu kif xieraq il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar problemi relatati mal-IT jew żbalji involontarji li jirriżultaw minnhom, għall-finijiet li jiġu evitati sanzjonijiet amministrattivi fuq l-operaturi koperti mill-Artikolu 38 mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25.

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)
Regolament (UE) 2023/1115
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) fl-Anness I, il-prodotti ex 49 huma mħassra;

Emendi 60, 91 u 132

Proposta għal regolament
Anness II
Regolament (UE) 2023/1115
Anness III – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni li ***trid*** tkun inkluża fid-dikjarazzjoni simplifikata tal-operaturi primarji mikro u żgħar f'konformità mal-Artikolu 4a(3):	Informazzjoni li ***għandha*** tkun inkluża fid-dikjarazzjoni simplifikata ***ta' darba*** tal-operaturi primarji mikro u żgħar f'konformità mal-Artikolu 4a(3):

Emendi 92 u 133

Proposta għal regolament
Anness II
Regolament (UE) 2023/1115
Anness III – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata u deskrizzjoni libera tal-prodotti rilevanti, inkluż l-isem kummerċjali, u l-kwantità annwali tal-prodotti rilevanti maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq jew jiġu esportati, espressi f'massa netta li tispeċifika stima jew devjazzjoni perċentwali jew, meta jkun applikabbli, f'volum jew fl-għadd ta' oġġetti. Għal prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq jew joħorġu minnu, il-kwantità trid tiġi espressa f'kilogrammi tal-massa netta u, meta jkun applikabbli, fl-	2. Il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata u deskrizzjoni libera tal-prodotti rilevanti, inkluż l-isem kummerċjali, u l-kwantità annwali ***stmata ta' darba*** tal-prodotti rilevanti maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq jew jiġu esportati, espressi f'massa netta li tispeċifika stima jew devjazzjoni perċentwali jew, meta jkun applikabbli, f'volum jew fl-għadd ta' oġġetti. Għal prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq jew joħorġu minnu, il-kwantità ***stmata*** trid tiġi espressa f'kilogrammi tal-massa netta u,

unità supplimentari stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 li tikkorrispondi għall-kodiċi tas-Sistema Armonizzata indikata jew, fil-każijiet l-oħra kollha, espressa f'massa netta li tispeċifika stima jew devjazzjoni perċentwali jew, meta jkun applikabbli, f'volum jew fl-għadd ta' unitajiet. Unità supplimentari hi applikabbli meta tkun iddefinita b'mod konsistenti għas-subintestaturi kollha possibbli skont il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata msemmi fid-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta.	meta jkun applikabbli, fl-unità supplimentari stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 li tikkorrispondi għall-kodiċi tas-Sistema Armonizzata indikata jew, fil-każijiet l-oħra kollha, espressa f'massa netta li tispeċifika stima jew devjazzjoni perċentwali jew, meta jkun applikabbli, f'volum jew fl-għadd ta' unitajiet. Unità supplimentari hi applikabbli meta tkun iddefinita b'mod konsistenti għas-subintestaturi kollha possibbli skont il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata msemmi fid-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta.

Emendi 93 u 134

Proposta għal regolament
Anness II
Regolament (UE) 2023/1115
Anness III – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-pajjiż tal-produzzjoni u l-indirizz postali jew il-ġeolokalizzazzjoni tal-irqajja' kollha ta' art li fuqhom l-operatur primarju mikro u żgħir jipproduċi komoditajiet rilevanti. Għal prodotti rilevanti li fihom bhejjem tal-ifrat jew li saru bl-użu tagħhom, u għal tali prodotti rilevanti li ntemgħu bi prodotti rilevanti, l-indirizz postali jew il-ġeolokalizzazzjoni għandhom jirreferu għall-istabbilimenti kollha li fihom jinżammu l-bhejjem tal-ifrat. Meta l-prodotti rilevanti jiġu prodotti fuq irqajja' differenti ta' art, l-indirizz postali jew il-ġeolokalizzazzjoni tal-irqajja' kollha ta' art għandhom jiġu inklużi f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (d).	3. Il-pajjiż tal-produzzjoni u l-indirizz postali jew il-ġeolokalizzazzjoni tal-irqajja' kollha ta' art***, jew l-indirizz postali tal-istabbiliment jew tal-irqajja' kollha ta' art*** li fuqhom l-operatur primarju mikro u żgħir jipproduċi komoditajiet rilevanti. Għal prodotti rilevanti li fihom bhejjem tal-ifrat jew li saru bl-użu tagħhom, u għal tali prodotti rilevanti li ntemgħu bi prodotti rilevanti, l-indirizz postali jew il-ġeolokalizzazzjoni għandhom jirreferu għall-istabbilimenti kollha li fihom jinżammu l-bhejjem tal-ifrat. Meta l-prodotti rilevanti jiġu prodotti fuq irqajja' differenti ta' art, l-indirizz postali jew il-ġeolokalizzazzjoni tal-irqajja' kollha ta' art għandhom jiġu

inklużi f’konformità mal-
Artikolu 9(1), il-punt (d).